**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 222/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Sammy Attard**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Sammy Attard**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 28370(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta ta' 15:00hrs fl-inħawi ta' Marsascala:

1. ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża jew kellu fil-pussess tiegħu waqt attivita' ta' kaċċa jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel

ta' għasafar u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaċċja kellu fil-pussess tiegħu *bird caller* u dan bi ksur ta' Regolament 7(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li, barra li tagħti l-piena skont il-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 7(1) u 7(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' ħames mitt Euro (€500) u kif ukoll issospenditu mil-liċenzja għal żmien sentejn.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma, tvarja u tibdel is-sentenza appellata u dan billi tħassar u tirrevoka s-sentenza li fiha l-esponent instab ħati tal-akkużi dedotti kontrih u konsegwentement dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponent ġie ordnat iħallas multa ta' €500 u ġiet sospiża l-liċenzja tal-kaċċa tiegħu għal sentejn, u minflok tgħaddi sabiex tilliberah minn kull ħtija u piena jew, fl-eventwalita' li l-ewwel aggravju jiġi miċħud, sabiex tvarja l-piena inflitta għal waħda aktar ekwa u ġusta fid-dawl taċ-ċirkostanzi u n-natura tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Mejju 2018.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jgħid li kienu qalulu li kien ser jirċievi multa amministrattiva ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) iżda hu baqa' ma sema' xejn. Jgħid li huwa mar kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll il-*One-Stop Shop* ġewwa l-bini tal-Qorti sabiex iħallas il-multa iżda kien ġie nfurmat li ma kienu jafu xejn dwar din il-multa. Jgħid li meta mbagħad kien deher quddiem l-Ewwel Qorti huwa talab l-opportunita' li jħallas din il-multa iżda minflok huwa nstab ħati u weħel multa ta' ħames mitt Euro (€500) u ġie sospiż milli jkollu liċenzja tal-kaċċa għal sentejn.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu ikun opportun li l-ewwel il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- Kopja ta' ittra (*a fol.* 7) datata 26 ta' Jannar 2017 li ntbagħtet fl-indirizz tal-appellant mill-*Wild Birds Regulation Unit*. Din kienet ittra reġistrata li mid-dokument li jinsab *a fol.* 9 jidher li nġabret mill-*addressee* (bl-istess numru tal-Karta tal-Identita' li jidher fiċ-ċitazzjoni) fit-2 ta' Frar 2017. L-ittra kienet tgħid ċar li l-pagament ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) kellu jiġu ndirizzat lill-Awtorita' tal-Ambjent u Riżorsi u jintbagħat lil MSDEC, Wild Birds Regulation Unit, 122, Triq Misraħ il-

Barrieri, Santa Venera, Malta. Hemm miktub li l-appellant kellu wieħed u għoxrin (21) jum minn meta jirċievi l-Avviż sabiex iħallas l-ammont imsemmi u kien mgħarraf ukoll li seta' jappella fit-Tribunal Amministrattiv. Għaldaqstant, din il-Qorti tinnota ladarba jirriżulta li l-appellant irċieva din l-ittra kien nuqqas tiegħu li huwa ma mexiex ma' dak li kien hemm miktub fiha fiż-żmien lilu mogħti u b'hekk kien inutli li huwa mar il-Kunsill Lokali jew il-*One-Stop Shop* kif qal fir-Rikors tal-appell tiegħu. Ġialadarba skada t-terminu msemmi fl-ittra msemmija, il-*Wild Birds Regulation Unit* bagħtu *email* dwar il-każ bid-dettalji ta' meta kienet inġabret l-ittra u l-fatt li l-imputat baqa' ma ħallasx u għaldaqstant ittieħdu proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kontra l-appellant allura imputat.

- Fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 21), **PC 550 A. Spiteri** jgħid li dakinhar tat-8 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta tat-3.00pm kienu nfurmati minn PS 130 li ħdejn it-Torri Mamo f'Marsascala kien hemm xi ħadd bl-isem ta' Sammy Attard li kien qed jonsob bl-użu ta' *bird caller*. Jgħid li rriżulta li Sammy Attard kien il-proprjetarju tal-*bird caller* in kwistjoni.

- Skont il-verbal tas-seduta miżmuma fit-2 ta' Mejju 2018 quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 4) jirriżulta li dakinhar l-appellant allura imputat kien irreġistra ammissjoni u ngħatat sentenza fil-konfront tiegħu.

- Fis-sentenza appellata (*a fol.* 23 *et seq.*) hemm imniżżel hekk:

> "Rat illi l-imputat irreġistra ammissjoni f'dawn il-proċeduri, fit-2 ta' Mejju 2018, li ġiet ikkonfermata minnu wara li ngħata ż-żmien xieraq skont il-liġi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tiegħu, u wara li Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iġġib magħha;
>
> **Ikkunsidrat**

> Wara li rat ir-Regolament 7(1) u 7(2) tal-L.S. 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> Wara li semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li setgħet tingħata lill-imputat;
>
> Fuq ammissjoni, din il-Qorti qiegħda issib lill-imputat ħati tal-akkużi kif dedotti [...]."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li meta rreġistra l-ammissjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti ma mxietx ma' dak li jgħid Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li skont hu l-Qorti msemmija ma wissietux bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni. Jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti lanqas tatu żmien biex jirtira dik l-ammissjoni.

Illi f'dan l-ewwel aggravju tiegħu fl-appell tiegħu l-appellant jgħid biss li l-Ewwel Qorti naqset li twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali tat-tweġiba. B'hekk, minkejja kull sottomissjoni bil-fomm li saret quddiem din il-Qorti diversament preseduta, l-aggravju in eżami huwa limitat għal dan biss. Għandu jingħad li fil-verbal tas-seduta meta ngħatat is-sentenza appellata hemm reġistrata l-ammissjoni tal-appellant allura imputat waqt li fis-sentenza appellata hemm riferenza mhux biss għall-ammissjoni iżda wkoll għat-twiddiba. Għaldaqstant, l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda eċċessiva. Jisħaq li hu messu ngħata l-opportunita' li jħallas il-multa li kienet proposta ġialadarba offra

li jagħmel hekk quddiem il-Qorti wkoll. Jgħid li l-piena kellha tkun aktar mita ġialadarba huwa wera ruħu disponsibbli li jaderixxi mar-rekwiżit amministrattiv, ħaġa li ma setax jagħmel għal raġunijiet barra mill-kontroll tiegħu minkejja li pprova għal darba, darbtejn u ġialadarba anke l-Ewwel Qorti kienet infurmata dwar dan.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.
> [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha b'dan illi wara li rat il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ċioè dik ta' ħames mitt Euro (€500) multa u sospensjoni tal-liċenzja għal sentejn, tinnota li l-Ewwel Qorti applikat il-minimum tal-multa u l-minimum tas-sospensjoni tal-liċenzja. Apparti minn dan, din il-Qorti tinnota wkoll li fil-jum tad-dehra quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant allura imputat kien għadu ma ħallasx il-piena amministrattiva u ż-żmien tal-ħlas tal-multa amministrattiva kien ilu li skada u b'hekk lanqas biss setgħet tkun ikkunsidrata aktar. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u b'hekk it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Sammy Attard u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi jiġi speċikat li *ai termini* ta' Avviż Legali 86 tal-2022 is-sospensjoni ta' sentejn li jibda għaddej mil-lum għandha tkun fir-rigward tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**